# 25 sena mill-mewt tal-artist ċelebri Malti...

## EMVIN CREMONA (1919-1987)

Pittur li spikka wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinija kien il-Kavallier Emmanuele Vincenzo Cremona jew aħjar, kif kien magħruf, Emvin Cremona. Ħafna jqisuh bħala wieħed mill-aqwa pitturi li żejjen il-knejjes tagħna fis-seklu 20.

Twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju 1919. Ta' età żgħira interessa ruħu fil-qasam tal-arti tant li mar jistudja fil-*Malta School of Arts* taħt Edward Caruana Dingli u Karmenu Mangion. Fl-1938 Cremona mar Ruma fejn studja fir-*Regia Accademia delle Belle Arti*. Studja wkoll fi *Slade School University College* ta' Londra u fl-*École Supérieur des Beaux Arts* ta' Pariġi. Wara t-tieni l-gwerra beda jgħallem fil-*Malta School of Arts*.

### Xogħlijiet ta' Cremona

Cremona esebixxa jew għandu ħafna xogħlijiet imxerrdin, ibda mill-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York sal-*World Health Organization* f'Ginevra, minn Londra sa Venezja, Ruma, Edinburgh, Anzio, Monte Carlo, Osaka u Amsterdam. Għamel ukoll pittura li kienet ippreżentata lir-Reġina Elizabetta II fl-1970. Kien għamel ukoll esebizzjoni fl-okkażjoni tal-25 sena minn meta r-Reġina Elizabetta II saret il-Kap tal-Commonwealth.

Kien l-artist ukoll ta' diversi qoxra ta' kotba importanti. Kien id-disinjatur ewlieni tal-bolol fis-snin ħamsin, sittin u sebgħajn. Filatelisti jqisu li Emvin kien għolla l-livell tal-bolol lokali. Hu jibqa' magħruf ukoll għas-sehem tiegħu fid-disinji għaċ-ċelebrazzjonijiet Pawlini fl-1960.

Emvin Cremona kien imfittex sew għal xogħlijiet sagri fil-Knejjes imxerrdin f'pajjiżna. Impossibli li nagħtu l-firxa kollha għax hija kbira wisq, però rrid insemmi x-xogħol li għamel fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida (l-ewwel xogħol sagru tiegħu), fil-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun fejn fil-koppla nsibu partijiet mill-ħajja ta' San Gejtanu, u fis-saqaf tal-knisja nsibu t-12-il Appostlu wkoll, fil-Knisja tad-Dumnikani fil-Birgu bil-kwadru titulari tal-Annunzjazzjoni, fil-Parroċċa tagħna, fil-Knisja Arċipretali tal-Furjana, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor f'Tas-Sliema, f'Ħal Għaxaq, fis-Santwarju Ta' Pinu f'Għawdex, u fi knejjes oħra.

### Il-Kav. Emvin Cremona u Gabriel Caruana M.Q.R.

F'taħdita li għamilt maċ-ċeramista Gabriel Caruana M.Q.R. stajt nara min kien Emvin Cremona aktar fil viċin. Gabriel spjega li l-ewwel kuntatt ma' Envin kien fil-*Malta School of Arts* meta kienet fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta. *"Kien jgħallimni d-disinn u, aktar minn għallien u student, inħoss li bejnietna, li kien hemm differenza ta' 10 snin, daħlet ħbiberija artistika fuq kollox."*

L-ewwel konnessjoni artistika ma' Emvin, spjegal Gabriel, kienet fl-Iskola tal-Arti. Però jien kont inkun mal-Konti Bernardo Manduca Zamitt, benefattur, ħabil tal-Balzanin u devot tal-Madonna. *"Villa Manduca kon inqisha parti minni għax kont inkun viċin tal-Konti."* Gabriel spjegali kif il-Konti Manduca xtaq li titwaqqa fratellanza tad-Duluri f'Ħal Balzan, u jsiru altar bi kwadru u statwa ħalli tikber id-devozzjoni lejn Marija Addolorata fost il-Balzanin. Għaldaqstant il-Konti xtaq kwadru tad Duluri u kien wera x-xewqa li jpittru artist nazzjonali ta fama. Gabriel jirrakkonta li jiftakar li kien tah santa tad Duluri u l-Konti qallu, *"Irrid kwadru tad-Duluri bħal din is-santa."* Gabriel kompla jgħid li lill-Konti wrieh biċ-ċa li artist lokali li jista' joħloq kwadru addattat kien il-pittu Emvin Cremona. *"Fil-fatt kont jien li lill-Konti Manduca*



*Il-kwadru tad-Duluri. Xogħol il-Kav. Emvin Cremona, li ħallas għalih il-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt.*

*introduċejtu mal-pittur Cremona f'Palazzo Azzopardino fid-daħla ta' Strada Reali, il-Belt Valletta. Niftakar li kien ġab is-santa miegħu ħalli juriha lil Cremona, imma kont issuġġerejtlu sabiex iħallih fil-libertà għax Cremona kien kapaċi biżżejjed joħloq kwadru tajjeb. Laqqajthom u ħriġt mill-kamra għax hekk kienet titlob l-etika.*" Fil-fatt hekk ġara. Il-Konti ħallas għall-pittura tal-kwadru tad-Duluri li għadu hemm sal-lum.

Gabriel tenna li l-kwadru hu artistikament validissimu ħafna tant li meta kien iġib artisti barranin jaraw il-Knisja tagħna kienu jibqgħu impressjonati ferm bil-livell tal-kwadru.

*"Konna ħbieb ukoll fil-Karnival Nazzjonali, u meta Emvin beda x-xogħol tal-pittura tas-saqaf tal-Knisja tagħna, niftakar li kien iġib it-tila u kont nitla' miegħu u ma' Valent inwaħħluha."* Gabriel temm jgħidli li mingħandu tgħallem ħafna, speċjalment meta ħadmu għal xhur sħaħ fil-preparazzjoni taċ-Ċentinarju Pawlin tas-sena 1960.

Biċċa xogħol kbira kienet propju saret għal dan iċ-Ċentinarju Pawlin li kien sar f'Malta biex jimmarka ċ-ċelebrazzjonijiet tad-dsatax-il ċentinarju min-Nawfraġju ta' San Pawl. *"Ħdimna qatigħ flimkien fuq il-palk li nbena apposta fuq il-Fosos, kif ukoll ħdimna flimkien fil-Wirja Pawlina li kienet saret fl-istess żmien fl-Istitut Kattolika.*" Hu kompla jgħidli li d-disinn u d-dekorazzjonijiet tat-Tribuna kienu ta' Cremona, filwaqt li Gabriel kien ħa ħsieb is-sistema tad-dawl. *"Niftakar li konna ħriġna bl-unuri għax konna ġejna mfaħħrin ħafna fix-xogħol kollu marbut mat-Tribuna u mas-sistema tad-dawl. Dak iż-żmien kien avveniment importanti għal pajjiżna għax fuq it-Tribuna kienu ser jieħdu sehem il-Kardinal Legat tal-Papa, il-Ġermaniż Aloysius Muench, u l-Kardinal Traglia."*

Kumment li għadda Gabriel fi tmiem it-taħdita dwar il-Kav. Cremona kien li Emvin kien artist prolifiku għax esegwixxa xogħlijiet kbar u dejjem ried jaddatta għal diversi stili ta' xogħol li sar qabel. Biżżejjed tieħu eżempju fil-Knisja tagħna fejn kompla wara x-xogħol ta' Giuseppe Calì (1846-1930)u ppreżenta saqaf b'pittura eċċellenti. L-istess jingħad li sar fil-Knisja tal-Imsida fejn kompla wara x-xogħol ta' Anton Inglott (1915-1945).

Il-Pittur Emvin Cremona miet fid-29 ta' Jannar 1987. Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja ta' San Publiju, il-Furjana, u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata. ❐

*Silvio Cassar*